**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Numru: 373/18 AGV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-22 ta' Awissu, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet zzewwgu fit-8 ta' Gunju, 1980 u liema zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, hekk skond ic-certifikat numru 909/1980 hawn anness u mmarkat Dokument A u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' C u D, illum it-tnejn maggorrenni.
2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku tat-13 ta' Jannar, 2015 fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Schembri, hawn anness u mmarkat bhala Dokument B.
3. Illi l-partijiet ilhom ighixu hajja separati "de facto" ghal aktar minn hames snin u ghalhekk huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju.
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom.

5. Illi skond it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni tat-13 ta' Jannar, 2015, il-konjugi m'ghandhom jircievu l-ebda manteniment reciproku.
6. Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. Illi r-rikorrenti A trid tirriverti ghall-kunjom xbubitha ATTARD.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi joghgobha:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tawtorizza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jindika fuq l-atti kollha rilevanti fir-Registru Pubbliku illi A ser tirriverti ghall-kunjom xbubitha ATTARD.
3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'danil-hall taz-zwieg.

Rat ir-risposta tal-intimat li eccepixxa:-

1. Illi l-intimat qieghed jaqbel illi zzewweg lir-rikorrenti A permezz ta' cerimonja religjuza fit-tmienja (8) ta' Gunju, tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (1989) hekk kif jidher fic-certifikat prezentat mir-rikorrenti A mar-rikors taghha (anness bhala Dokument A).
2. Illi l-intimat qieghed jaqbel illi partijiet xoljew u likwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dr. Liza Schembri nhar it-13 ta' Jannar, 2015 hekk kif jidher fl-Att anness mir-rikorrenti mar-rikors taghha (kopja anness Dok. B).
3. Illi l-intimat qieghed jaqbel illi l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin.
4. Illi l-intimat iddiskuta mal-avukat tieghu l-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u ma ghandu ebda interess illi jersaq ghar-rikonciljazzjoni mar-rikorrenti u qieghed jaqbel li ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
5. Illi huwa qieghed jaqbel illi ghaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

6. Illi ghaldaqstant billi qedghin jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-halla ta’ A u ma ghandu ebda interess illi joggezjona ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju bejn il-partijiet.

Ra l-affidavit tal-intimat B li kkonferma li kien izzewweg lir-rikorrenti fit-8 ta’ Gunju, 1980 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni C u D. Ighid li kienu sseparaw konsenswalment b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Schembri fit-13 ta’ Jannar, 2015 u peress li kienu ilhom aktar minn hames snin ighixu separatament minn xulxin, ma kienx hemm cans ta’ rikonciljazzjoni bejniethom. Ighid ukoll li ma kien l-ebda manteniment dovut lil xulxin.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi,minkejja li l-partijiet ilhom sseparati legalment b’kuntratt fl-att tan-Nutar Dr. Liza Schembri fit-13 ta’ Jannar, 2015, kienu ilhom ighixu separati minn ma’ xulxin ghal aktar minn hames snin.

Illi r-rikorrenti ppruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qortitaqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66 B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jindika fuq l-atti kollha rilevanti fir-Registru Pubbliku illi A ser tirriverti ghall-kunjom xbubitha ATTARD.
3. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**